**Deċiżjoni mogħtija minn Mr Speaker fis-Seduta 27 tas-6 ta' Ġunju 2013 dwar mistoqsijiet fil-ħin tal-Istqarrijiet Ministerjali**

Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Kamra fuq li nqala' proprju f'dan il-ħin tal-mistoqsijiet u rimarki dwar l-istqarrija. Il-proċedura tal-Parlament skont id-deċiżjoni 13 tas-seduta 233 tal-25 ta' Frar 1985 kienet li meta ssir stqarrija ministerjali jsiru d-domandi biss. Però, huwa veru li kien hemm il-*custom* li meta wieħed jagħmel mistoqsijiet jagħmel l-argument tagħha. Tajjeb li ngħidu wkoll li – għall-benefiċċju ta' kulħadd – li skont il-proċedura kif aħna nimxu taħt l-Ordni Permanenti 197 tal-proċedura hija li *in the absence* ta' dak li huwa mod dettaljat fl-Ordnijiet Permanenti nimxu ma' dak li jgħidilna l-*Erskine May*. L-*Erskine May* jagħmilha ċara li *statement* ta' ministru kemm jista' jkun ikun konċiż u ma jkunx itwal minn 10 minuti. Replika tal-Oppożizzjoni għal kull membru ma tkunx iktar minn 5 minuti. Qed ngħid dan mhux biex nimxu fuqhom imma qed ngħid dan biex kemm jista' jkun nagħtu spazju lil kulħadd. *(Estratt mis-seduta)*